



OPINJONI NRU 1/2008

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI

tal-15 ta' April 2008

biex temenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE

“Estensjoni tas-sistema ta' l-EASA għar-regolazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru u s-Servizzi tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru (ATM/ANS)”

I. Ġenerali

1. Meta jadotta r-Regolament (KE) Nru 1592/2002¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (Ir-Regolament Bażiku), il-leġiżlatur tal-Komunità stieden lill-Kummissjoni² biex tagħmel malajr kemm jista' jkun proposti xierqa biex jestendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni tagħha għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u l-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. Il-leġiżlatur tal-Komunità antiċipa wkoll l-applikazzjoni futura tar-Regolament Bażiku u l-iżvilupp ta' rekwiżiti essenzjali (ERs) għal kull qasam ieħor relatat mas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, skond proposti leġiżlattivi sussegwenti³. Għalhekk il-Kummissjoni, meta ppreżentat il-proposta tagħha għall-ewwel estensjoni tal-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (EASA) għall-operazzjonijiet bl-ajru, il-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u s-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi, ħabbret ukoll⁴ l-intenzjoni tagħha biex testendi b'mod progressiv dawn il-kompetenzi, fil-perspettiva tal-"metodu tas-sistema totali", is-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi/ajruporti, is-Servizzi tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru (ANS) u l-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (ATM).
2. Ir-Regolament Bażiku⁵ jiddefinixxi, bħala waħda mill-ħidmiet ta' l-Aġenzija, l-għoti lill-Kummissjoni ta' l-appoġġ tekniku meħtieġ, kif ukoll l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' Opinjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-proposti leġiżlattivi tagħha nnifisha dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili⁶. L-Opinjoni preżenti ġiet żviluppata skond din il-bażi. Għalhekk l-Aġenzija qiegħda hawnhekk tippreżenta lill-Kummissjoni l-Opinjoni tagħha bl-iskop li tissodisfa l-impennji mniżżla fil-Komunikazzjoni COM(2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005 fir-rigward tar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS.
3. Din l-Opinjoni ġiet adottata wara l-proċedura ddefinita mill-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Aġenzija⁷, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku. Madankollu, l-aġenda leġiżlattiva tal-Kummissjoni kienet titlob li l-Aġenzija tnaqqas il-perijodi tal-konsultazzjoni u tar-risposta speċifikati f'dik il-proċedura.
4. Din l-Opinjoni hija magħmula bil-memorandum preżenti, li jispjega l-fehmiet ta' l-Aġenzija dwar il-politika li ssejjes ir-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS fuq il-livell tal-Komunità u li jissuġġerixxi l-kontenut ta' l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament Bażiku biex jimplimentaw il-politika msemmija proposta. Ma' din l-Opinjoni jinsabu meħmużin Anness ġdid mar-Regolament Bażiku li jinkludi l-obbligi

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (ĠU L 240, 7.09.2002, p. 1.), kif sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 079, 19.03.2008, p. 1).

² L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

³ Premessi 2 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

⁴ Komunikazzjoni COM(2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005 mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – "Nestendu l-ħidmiet ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni: aġenda għall-2010".

⁵ Għalhekk it-terminu "Regolament Bażiku" qed jirreferi għar-Regolament adottat riċentament 216/2008 kif imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1.

⁶ L-Artikolu 19(1) tar-Regolament Bażiku.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Ġestjoni dwar il-proċedura biex tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida ("Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli"), MB/08/2007, tat-13 ta' Ġunju 2007.

essenzjali (ERs) għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ATM/ANS u Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju (RIA).

II. Konsultazzjoni

a. Notifika ta' Emenda Proposta (NPA) 2007-16

5. Ġie ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni (NPA 2007-16)⁸ fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija fit-30 ta' Novembru 2007 biex jipproponi approċċ biex jinkorpora l-ATM/ANS fis-sistema ta' l-EASA.
6. F'dan id-dokument ta' konsultazzjoni, l-Aġenzija spjegat il-qafas istituzzjonali stabbilit bir-Regolament Bażiku għar-regolazzjoni ta' aspetti oħra tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, li japplikaw ukoll għall-ATM/ANS, jekk il-leġiżlatur kellu jadotta l-estensjoni prevista. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija ppreżentat abbozz ta' Rekwiżiti Essenzjali (ERs), li għandhom jiddefinixxu l-għanijiet tas-sigurtà imposti mil-leġiżlatur kif ukoll jipprovdu għat-traspożizzjoni ta' l-obbligi ta' l-ICAO ta' l-Istati Membri fuq il-livell tal-Komunità. Minn dak iż-żmien 'l hawn, dawn l-ERs jikkostitwixxu l-bażi għal regoli implimentattivi ddettaljata li jirriflettu b'mod aktar iddettaljat l-obbligi ta' persuni rregolati, filwaqt li jqisu wkoll l-Istandards u l-Prattiċi Rakkomandati (SARPS) ta' l-ICAO.
7. L-NPA ppreżentat ukoll is-suġġerimenti ta' l-Aġenzija dwar il-prinċipji bażiċi għar-regolazzjoni tas-sigurtà fl-ATM/ANS. Għal dan l-iskop, hija wkoll talbet l-opinjoni ta' l-partijiet interessati dwar numru ta' mistoqsijiet li għalihom kellha bżonn risposti għad-definizzjoni ta' politika konsenswali biżżejjed li fuqha hija tibni l-Opinjoni preżenti.

b. Dokument ta' Tweġiba għall-Kummenti (CRD)

8. L-NPA attirat interess konsiderevoli mill-partijiet interessati u, sad-data ta' skadenza tal-21 ta' Jannar 2008, l-Aġenzija rċeviet 1 860 kumment minn awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati. Il-kummenti kollha rċevuti ġew kkonfermati u inkorporati fis-CRD, li ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija fit-18 ta' Marzu 2008. Is-CRD jinkludi lista tal-persuni kollha u/jew organizzazzjonijiet li taw kummenti u tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' l-Aġenzija.
9. Dawn ir-riżultati wasslu biex jiġi konkluż li l-konsultazzjoni tat bażi soda lill-Aġenzija biex tipprepara r-riżultati sussegwenti tal-proċess tagħha tat-tfassil ta' regoli. Kien evidenti wkoll li l-kummenti b'mod ġenerali rriflettw kunsens b'saħħtu għall-metodu tas-sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà li tkopri l-oqsma kollha ta' l-avjazzjoni u b'hekk sostniet il-prinċipju li tintuża s-sistema ta' l-EASA biex jintlaħaq dan. Għalhekk is-CRD jippreżenta l-konklużjonijiet inizjali ta' l-Aġenzija, bbażati fuq il-konsultazzjoni, dwar kif l-abbozz tar-rekwiżiti essenzjali għandu jiġi emendat u kif il-prinċipji bażiċi għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS għandhom jiġu stabbiliti fir-Regolament Bażiku estiż. Dawn il-konklużjonijiet inizjali kellhom jiġu finalizzati b'din l-Opinjoni.
10. Madankollu, il-konsultazzjoni indikat li ħafna partijiet interessati kienu konfużi bil-metodu propost mill-NPA, billi dawn ħasbu li r-rwol regulatorju tas-sigurtà ta' l-Aġenzija kien parti mir-regolamenti ta' l-Ajru Uniku Ewropew (SES), minflok li r-regolazzjoni sħiħa tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS tiġi trasferita fis-sistema ta' l-EASA. Barra minn dan, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet relatati man-natura regulatorja jew ta'

⁸ http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/NPA%202007-16.pdf

għoti ta' servizz ta' l-adozzjoni tal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet, kif ukoll l-ġestjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru u l-flussi tat-traffiku ta' l-ajru, ma ħolqux dik iċ-ċarezza biżżejjed biex l-Aġenzija tkun tista' tasal għal konklużjonijiet f'dak l-istadju tal-proċess. Għalhekk, u sabiex issostni l-Opinjoni finali tagħha, l-Aġenzija impenjat ruħha biex tivvaluta aktar il-possibbiltà ta' alternattivi fil-valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju, li għandha takkompanja l-opinjoni tagħha.

ċ. Reazzjonijiet għas-CRD

11. L-Aġenzija rċeviet 100 reazzjoni minn 18-il parti interessata: għaxar awtoritajiet, erba' assoċjazzjonijiet professjonali, tliet persuni li jagħtu servizz u rappreżentant ta' l-industrija. Dan jirrappreżenta ftit anqas minn 20% tal-partijiet interessati li oriġinarjament wiegħbu għall-NPA; dan in-numru jirrifletti r-rata ta' reazzjoni tas-soltu għas-CRDs ta' l-Aġenzija. Ħafna minnhom kienu jittrattaw il-kjarifika tal-kummenti magħmula dwar l-NPA meta kien maħsub li dawn ma nftehmux. L-Aġenzija analizzat jekk dawn il-miżinterpretazzjonijiet kinux ta' natura li jibdlu l-konklużjonijiet proviżorji ppreżentati fis-CRD u, kull meta kien il-każ, dan ġie meqjus fl-Opinjoni preżenti. Bl-istess mod, xi reazzjonijiet ipproponew titjib fl-abbozz ta' l-ERs, li l-Aġenzija laqgħet u wżat biex ittejjeb l-abbozz finali tagħha kif meħmuż. Ħafna reazzjonijiet staqsew lill-Aġenzija biex tkun aktar ċara fl-Opinjoni tagħha dwar ċerti aspetti tal-proposti tagħha. B'mod partikolari dan huwa l-każ għal reazzjonijiet minn xi organizzazzjonijiet professjonali, li jinsistu dwar kemm hija kritika s-sigurtà tal-funzjonijiet tal-membri tagħhom. F'dan id-dokument u l-hemżiet tiegħu dan sar kemm jista' jkun possibbli.
12. Ħafna partijiet interessati fissru wkoll għal darb'oħra l-frustrazzjoni tagħhom għall-perijodu mqassar ta' konsultazzjoni u għall-ħin qasir disponibbli biex is-CRD pjuttost estensiv jiġi analizzat. L-Aġenzija tista' tenfasizza biss għal darb'oħra li l-iskeda stretta għandha l-għan li tgħin lill-Kummissjoni tilħaq l-aġenda leġiżlattiva tagħha nnifisha. Tinsisti wkoll fuq il-fatt li l-għan ta' l-azzjoni prevista huwa biss li ċerti aspetti tar-regolazzjoni ta' l-ATM/ANS jiġu trasferiti mill-SES għall-qafas ta' l-EASA; dan isegwi dibattitu wiesa' u miftuħ li wassal għall-konklużjoni li din l-azzjoni kienet appoġġata b'maġġoranza ċara tal-partijiet interessati. F'dan il-kuntest, kif enfasizzat fl-NPA u s-CRD, l-intenzjoni hija li wieħed jipprovdi għal tranżizzjoni bla xkiel, fejn jagħmel użu mir-regoli u proċessi stabbiliti żviluppjati fil-qafas ta' l-SES; billi dan se jsir permezz tal-proċeduri leġiżlattivi tal-Komunità u l-proċess ta' tfassil ta' regoli ta' l-Aġenzija, il-partijiet interessati se jkollhom ħafna opportunitajiet biex jivverifikaw li fil-fatt dan isir, kemm għall-emenda tar-Regolament Bażiku kif ukoll għall-adozzjoni tar-regoli implimentattivi tiegħu.
13. Xi partijiet interessati għamlu wkoll rimarki ġenerali dwar il-fatt li l-ammont ta' kummenti kklassifikati kif 'innutat' mill-Aġenzija kien kbir ħafna u stagħġbu jekk dan kienx jimplika li l-Aġenzija ma kinitx se tqishom meta ħejjiet l-Opinjoni tagħha. F'dan ir-rigward l-Aġenzija tixtieq tikkjarifika li hija wżat ir-risposta "innutat" biex tfisser li hija qieset il-kumment bħala li m'huwiex ta' natura li jaffettwa l-ambitu ta' l-applikazzjoni jew il-kontenut ta' l-opinjoni prevista. Għalhekk "innutat" la tfisser li l-Aġenzija taqbel, lanqas li ma taqbilx mal-kumment, imma biss li ma tarax kunflitt bejn dak li hija tbassar li tagħmel u dak li l-kumment jissuġġerixxi.
14. Finalment ftit reazzjonijiet juru li hemm nuqqas ta' ftehim dwar x'inhi funzjoni regolatorja. B'mod partikolari waħda mill-partijiet interessati tgħid li l-ATFM hija funzjoni regolatorja u għalhekk għandha tkun irregolata. Biex tevita kull konfużjoni, l-Aġenzija tqis li jkun utli li tiċċara li hija tħares lejn ħidma regolatorja bħala waħda li għandha x'taqsam ma' l-eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi u għalhekk ma tistax tiġi fdata biex taqdi lil dawk li jagħtu servizz; u li għalhekk dawn il-ħidmiet regolatorji għandhom jitwettqu minn entitajiet pubbliċi taħt kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlatur meta dawn jiddefinixxu s-setgħat iddelegati tagħhom. B'konsegwenza, dawn il-korpi huma regolaturi, mhux persuni rregolati.

15. Biex wieħed jikkonkludi, l-Aġenzija, filwaqt li tqis il-kummenti li waslu għand l-NPA u r-reazzjonijiet għas-CRD tagħha, ħarġet l-Opinjoni preżenti, li hija tikkunsidra li tirrifletti l-fehma tal-maġġoranza fir-rigward tal-kundizzjonijiet, li skondhom is-sigurtà u ċerti aspetti ta' l-interoperabbiltà ta' l-ATM/ANS għandhom ikunu rregolati taħt is-sistema EASA, b'koordinazzjoni mill-qrib ma', u li wieħed ikompli jibni fuq il-qafas ta' l-SES.

III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

Ġenerali

16. L-NPA ta' l-Aġenzija assumiet, skond il-ftehim tagħha tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tar-regolazzjoni ta' l-avjazzjoni stabbiliti mill-Viċi President Barrot tal-Kummissjoni, u tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ta' l-impatt ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2 hawn fuq, li l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS kellha ssir bl-użu tas-sistema ta' l-EASA kif stabbilit bir-Regolament Bażiku u deskritt aktar f'dik l-NPA. Dan ifisser li l-metodu tas-sistema totali tapplika għar-regolazzjoni tas-sigurtà aktar milli għar-regolazzjoni ta' l-ATM/ANS. F'dak il-kuntest, il-metodu tas-sistema totali għas-sigurtà għandu jinftehem bħala li jfisser li l-elementi kollha tal-katina tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni għandhom jiġu analizzati b'mod iċċentralizzat, f'*interfaces* partikolari, sabiex jispeċifikaw liema miżuri li jnaqqsu r-riskji lil kull parti interessata fil-katina tas-sigurtà għandha timplimenta biex tnaqqas mhux biss il-kontribuzzjoni tagħha għar-riskji, imma wkoll il-livell globali ta' l-espożizzjoni. Tabilħaqq huwa fatt li ż-żieda ta' komportamenti sikuri (*safe behaviours*) m'humieq fihom innifishom biżżejjed biex jipprovdu sistema globali ta' sigurtà.
17. Dan ċertament jikkostitwixxi tluq sinifikanti mil-loġika li ssaħħaħ il-kunċett ta' l-Ajru Uniku Ewropew, li jindirizza fl-istess fin l-aspetti varji tar-regolazzjoni; bħala konsegwenza, il-kapaċità, l-andament ekonomiku, l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' l-ATM/ANS u l-kostitwenti, l-interoperabbiltà ta' l-ajru/art, is-sigurtà, il-protezzjoni ambjentali u aspetti oħra tar-regolazzjoni huma mħallta flimkien sew f'kemm ir-regoli applikabbli kif ukoll il-proċessi taċ-ċertifikazzjoni. Din il-viżjoni ta' l-approċċ tas-sistema totali tirrifletti l-prattika tradizzjonali f'dan id-dominju, fejn sa riċentement anke l-għoti ta' servizzi u l-funzjonijiet regolatorji kienu jitqiesu bħala ż-żewġ naħat ta' l-istess munita. Primarjament l-għan tagħha huwa li tinkoraġġixxi l-metodu tas-sistema totali biex jittejjeb l-andament globali tas-sistema ta' l-ATM, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità u l-andament ekonomiku. Dan jippreżenta wkoll xi vantaġġi, billi dan kollu jippermetti kopertura taħt approvazzjoni waħda ta' l-obbligi regolatorji kollha tal-persuni rregolati, bħallikieku l-liċenzjar tal-linji ta' l-ajru kien qed ikopri l-obbligi kollha tas-sigurtà, dawk finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni u d-denominazzjoni.
18. Madankollu, l-approċċ ta' l-SES jippreżenta xi żvantaġġi, billi m'huwiex ċar kif isir l-arbitraġġ bejn is-sigurtà u għanijiet oħra; għal dik ir-raġuni illum huwa aċċettat sew li r-regolazzjoni tas-sigurtà għandha tkun separata mir-regolazzjoni ta' l-andament ekonomiku; ir-rakkomandazzjoni 1 tal-Grupp ta' Livell Għoli tfakkar dan il-prinċipju: "... u jiġi żgurati li l-attivitajiet regolatorji tas-sigurtà jitwettqu b'mod indipendenti minn forom oħra ta' regolazzjoni." Jista' jidher ukoll bħala ostaklu għall-firda ta' komponenti eliġibbli tas-sistema ta' l-ATM, billi tagħti lil dak li jagħti s-servizz aħħari mis-servizzi tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru d-deċiżjoni aħħarija tal-livell ta' sigurtà fl-ispazju ta' l-ajru fejn jeżerċita l-monopolju tiegħu. Dawn ir-raġunijiet, *inter alia*, jispjegaw għaliex dan l-approċċ ma nżammx fl-oqsma l-oħra tar-regolazzjoni ta' l-avjazzjoni, li evolwew matul iż-żmien fid-direzzjoni ta' l-approċċ tas-sistema totali għas-sigurtà li ssaħħaħ is-sistema ta' l-EASA. Dan joħloq imbagħad inkonsistenzi mas-sistema regolatorja applikabbli mal-partijiet l-oħra fil-katina tas-sigurtà ta' l-

ATM, bħall-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru, inklużi piloti u operaturi, u manifatturi tat-tagħmir abbord, li l-konformità tagħhom ma' ħafna obbligi ta' l-ATM (ekwipaġġ, proċeduri, interoperabbiltà fuq l-art/abbord, l-operat tat-tagħmir...) hija infurzata bl-użu tas-sistema ta' l-EASA, kif mitlub mill-prinċipju ta' l-ICAO li jqiegħed ir-responsabbiltà fuq l-Istat tar-Reġistru. Għaldaqstant, kif identifikat fil-kuntest ta' l-SES, dan jista' jwassal għal regolazzjoni doppja meta dawn il-prinċipji ta' l-ICAO m'humieħ irrispettati.

19. Biex isir progress f'din id-diskussjoni, l-Aġenzija analizzat il-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ għażliet fil-valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju li hija għandha tagħti biex issaħħaħ l-opinjoni tagħha. Il-konklużjoni, skond l-Hemża 2, issaħħaħ l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA bħala l-aħjar soluzzjoni f'termini ta' sigurtà u effiċjenza regolatorja; tabilħaqq huwa l-irħas u l-aktar xieraq li ċ-ċertifikazzjoni tiġi llimitata għall-aspetti tas-sigurtà, kif irrakkomandat mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tar-regolazzjoni ta' l-avjazzjoni fl-Ewropa. Barra minn dan, l-impatt soċjali baxx jista' jitnaqqas faċilment.
20. Naturalment din l-għażla għandha l-konsegwenzi fuq il-bżonn biex ir-Regolament Bażiku estiż u r-regoli implimentattivi futuri tiegħu jiġu artikulati kif suppost. Tabilħaqq id-diffikultajiet ta' l-industrija jiżdiedu jekk wieħed ikollu jaderixxi mar-rekwiżiti tas-sigurtà taħt iż-żewġ sistemi li jirriżultaw minn proċessi doppji ta' tfassil ta' regoli. Madankollu, fis-sitwazzjoni preżenti, m'huwiex possibbli li wieħed jidentifika b'mod preċiż dawk id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' l-SES li jkollhom bżonn jiġu emendati meta r-Regolament Bażiku estiż jidħol fis-seħħ, kif ukoll dawk affettwati bir-regoli implimentattivi tiegħu. Barra minn dan, l-Aġenzija m'hijiex intitolata biex tagħmel proposti fir-rigward tar-regolamenti ta' l-SES. Ikollha mbagħad issir koordinazzjoni proprja f'ħin biżżejjed biex telabora l-aġġustamenti meħtieġa. Għażla flessibbli tkun li l-leġislatur jiddelega setgħat lill-Kummissjoni biex tagħmel dawn l-aġġustamenti meħtieġa każ b'każ. Għażla oħra tkun dik li r-reviżjoni ta' l-impatt ta' l-adozzjoni tar-Regolament Bażiku estiż issir fi tmiem il-leġislatura sabiex jiġu speċifikati fl-artikolu tiegħu ta' qabel ta' l-aħħar id-dispożizzjonijiet ta' l-SES li għandhom jiġu rrevokati jew emendati.
21. F'dan il-kuntest l-Aġenzija tfakkar l-affirmazzjoni ripetuta tagħha li kull regola implimentattiva futura ta' l-EASA tinbena skond id-dispożizzjonijiet eżistenti ta' l-SES, b'mod partikolari l-ESARRs trasposti. F'dan ir-rigward, mekkaniżmi tranżitorji jkunu ddisinjati sabiex jipprovdu għall-kontinwità ta' l-approvazzjonijiet diġà mogħtija skond ir-regoli ta' l-SES. Hemm ħafna eżempji ta' dan il-*grandfathering* fit-tranżizzjoni mir-regoli nazzjonali għar-regoli ta' l-EASA li pprovdu għal tranżizzjoni bla xkiel mingħajr piż addizzjonali għall-industrija. Fl-istess ħin wieħed ikollu jipprovdi għall-konsistenza bejn is-sistemi ta' l-EASA u ta' l-SES, meta wieħed iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp *Ad-Hoc* għar-Regolazzjoni Doppja⁹. Tabilħaqq huwa possibbli li wieħed joħloq proċessi li jipprovdu għal obbligi armonizzati u proċeduri ta' ċertifikazzjoni sabiex jiġu evitati valutazzjonijiet multipli ta' konformità. Bħalissa l-Aġenzija qed taħdem biex tissimplifika l-approvazzjonijiet ta' l-organizzazzjoni fil-kuntest ta' l-estensjoni tas-sistema ta' l-EASA għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u l-implimentazzjoni ta' l-SMS SARPS ta' l-ICAO; dan ix-xogħol jintuża meta jiġu żviluppatti r-regoli implimentattivi futuri għall-ajrudromi u għal min jagħti servizzi ta' ATM/ANS.

Għanijiet tas-sigurtà

22. Kif spjegat fl-NPA, il-leġislazzjoni tal-Komunità għandha tispeċifika l-għanijiet li l-leġislatur irid jilħaq permezz ta' azzjoni komuni fuq il-livell tal-Komunità. Din tiċċara

⁹ <http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/DRAHG/DRAHG%20Report.pdf>

x'għandhom jagħmlu l-persuni rregolati u l-awtoritajiet eżekuttivi biex jaderixxu ma' l-obbligi tagħhom, u tipprovdi l-għodda meħtieġa għall-kontroll politiku u ġudizzjali ta' l-atti tagħhom. L-esperjenza wriet fid-dominji l-oħra ta' l-avjazzjoni li t-traspożizzjoni b'referenza għas-SARPS ta' l-ICAO ma kinitx qed tipprovdi soluzzjoni sodisfaċenti billi dawn inizjalment kienu ddisinjati biex jipprovdu għall-movimenti ħielsa ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru. Għalhekk dawn iħalltu s-sigurtà u obbligi oħra ta' interoperabbiltà u dawk amministrattivi – b'mod li ma jippermettix metodu bbażat skond l-operat għar-regolazzjoni tas-sigurtà. B'konsegwenza, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li ERs ddedikati dwar is-sigurtà għandhom jiġu adottati mil-leġiżlatur bħala anness addizzjonali mar-Regolament Bażiku.

Kontenut ta' l-Obbligi Essenzjali

23. L-NPA pproponiet abbozz ta' obbligi essenzjali, li kien ġie elaborat mill-Aġenzija wara l-proċess standard użat fil-każijiet l-oħra kollha preċedenti. Bil-għajjnuna ta' l-esperti fid-dominju, l-Aġenzija identifikat il-perikli marbutin ma' l-għoti ta' l-ATM u s-ANS; imbagħad ivvalutat ir-riskji relatati; u finalment żviluppat l-istrateġiji li jnaqqsu r-riskji, li jikkostitwixxu l-ERs proposti. Dawn l-ERs huma maħsuba wkoll biex jipprovdu bażi xierqa biex jispeċifikaw mezzi implimentattivi, li jggarantixxu l-konsistenza u l-kontinwità ma' regolamenti eżistenti ta' l-SES u regoli implimentattivi. Bħal fil-każijiet ta' qabel, l-NPA ma ppreżentatx id-dettalji ta' dak il-proċess, imma d-*data* relatata tista' tingħata biex issaħħaħ il-proċess leġiżlattiv kif jixraq. Il-kummenti riċevuti matul il-konsultazzjoni ntużaw biex jittejjeb il-kontenut ta' l-ERs kemm jista' jkun fil-ħin qasir allokat lill-Aġenzija biex tipprovdi din l-opinjoni. It-test riżultanti huwa ppreżentat fl-Appendiċi 1, flimkien ma' l-ispjegazzjonijiet tal-kontenut tiegħu, kif ukoll ir-rabta tiegħu mas-SARPS ta' l-ICAO.

Natura tal-kunċett ta' l-operat

24. Fil-prinċipju, u minħabba li r-Regolament Bażiku japplika direttament fl-intier tiegħu, l-obbligi essenzjali joħolqu drittijiet għal, u obbligi fuq, persuni rregolati. Għalhekk, huma għandhom, ma jinkludux dispożizzjonijiet li huma indirizzati lill-korpi eżekuttivi delegati, il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Mod aħjar biex tagħmel dan huwa li tqiegħed kundizzjonijiet xierqa dwar l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat delegati fl-artikoli tar-Regolamenti Bażiċi li jkunu qed jagħtu dawn is-setgħat. Tali hija r-raġuni għaliex l-Aġenzija, wara li identifikat il-perikli marbuta ma' l-istabbiliment tal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet, staqsiet jekk l-adozzjoni tagħhom kinitx waħda regolatorja jew funzjoni ta' għoti ta' servizz. It-tweġibiet riċevuti juru f'it inċertezza fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet u xi diverġenzi fil-fehmiet fir-rigward tan-natura proprja tal-funzjoni relatata. Għalhekk l-Aġenzija nkarigat ruħha biex tistudja aktar din il-kwistjoni fil-valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju li għandu jakkompanja l-Opinjoni tagħha. Ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni wassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

25. Id-definizzjoni li l-aktar kien hemm qbil dwarha hija li l-kunċett ta' operazzjonijiet huwa taħlita ta' proċeduri li għandhom jiġu implimentati mill-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru (li jvarjaw minn sempliċiment "regoli ta' l-ajru" fi spazju ta' l-ajru b'densità vera baxxa għal taħlita kumplessa ħafna ta' proċeduri fi spazju ta' l-ajru kumpless), obbligi ta' tagħmir ta' l-art u abbord, servizzi li għandhom jingħataw u wżati (inklużi l-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru, l-informazzjoni ajrunawtika, *data* meteoroloġika, komunikazzjoni, navigazzjoni, sorveljanza, eċċ.), proċeduri li għandhom jiġu implimentati mill-entitajiet li jagħtu dawn is-servizzi u l-kwalifiki tal-persunal. Għandu jkun hemm kunċett iddedikat ta' operazzjonijiet li jsaħħu l-użu ta' kull blokka ta' l-ispazju ta' l-ajru; jista' jkun hemm diversi kunċetti ta' operazzjonijiet japplikaw fl-istess mod; f'dan il-każ, il-ġestjoni tattika ta' dik il-blokka ta' l-ispazju ta' l-ajru għandha tkun stabbilita biex il-kunċett ta' operazzjonijiet applikabbi jiġi deċiż każ b'każ, u biex l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru jiġu notifikati dwar liema wieħed minnhom

japplika f'kull ħin. Għalhekk il-kunċett ta' operazzjonijiet m'huwiex ir-riżultat ta' attivitajiet ta' riċerka li jwasslu għal għażliet potenzjali biex tiżdied il-kapaċità ta' l-ispazju ta' l-ajru; hija deċiżjoni formali li taffettwa l-operazzjonijiet fi blokka ddedikata ta' l-ispazju ta' l-ajru. B'konsegwenza, l-Aġenzija tikkunsidra li dan il-kunċett m'għandux jiġi mħawwad mar-riżultati ta' l-SESAR, hekk kif jidher li hu l-każ meta wieħed jaqra xi ftit mill-kummenti riċevuti.

26. L-għanijiet li għandhom jintlaħqu bil-kunċett ta' l-operazzjonijiet jinkludu mhux biss is-sigurtà, imma wkoll l-effikaċja ekonomika, il-protezzjoni ambjentali u kull kriterju ieħor li l-leġiżlatur jista' jistabbilixxi biex jissodisfa l-aspettazzjonijiet pubbliċi. B'konsegwenza, id-deċiżjoni timplika arbitraġġ bejn għanijiet kunfliġġenti u għalhekk ma tistax titħalla f'idejn partijiet b'interessi privati. Għalhekk, l-adozzjoni tal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet għandha ssir skond setgħat eżekuttivi delegati; u hija funzjoni regolatorja. L-eżerċizzju ta' dik il-funzjoni għandu jkun ikkoordinat fl-ICAO u fuq il-livell tal-Komunità biex jipprovi konsistenza globali u interoperabbiltà mill-perspettiva ta' kemm l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru kif ukoll ta' l-entitajiet li jagħtu servizzi. B'konsegwenza, l-Aġenzija kkonkludiet li m'huwiex meħtieġ li tistabbilixxi obbligi essenzjali għad-definizzjoni ta' kunċetti ddedikati ta' operazzjonijiet. Madankollu, minħabba li l-awtoritajiet kompetenti inkarigati (irrispettivament jekk dawn ikunu l-awtoritajiet nazzjonali jew il-Kummissjoni) għandhom jivverifikaw li dawn il-kunċetti ta' l-operazzjonijiet jieħdu kont tas-sigurtà kif jixraq, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-obbligi fil-previżjoni tagħha u li jinsabu fl-hemża ta' l-NPA biex inaqqsu r-riskji relatati, għandhom jitqiegħdu fl-Artikolu tar-Regolament Bażiku fejn huma ddefiniti l-kundizzjonijiet għad-delegazzjoni ta' dawn is-setgħat. F'dan il-kuntest għandu jkun iċċarat li l-Aġenzija ma tippjanax li jkollha xi setgħat eżekuttivi f'dan id-dominju; madankollu, hija tqis li hija għandha tassumi r-rwol ta' konsulent tekniku għall-valutazzjoni ta' l-impatt tas-sigurtà ta' kunċetti previsti ta' operazzjonijiet, kif ukoll ta' xi tibdiliet lilhom; tikkunsidra wkoll bħala neċessarju li l-proċess tagħha ta' spezzjoni ta' standardizzazzjoni jintuża biex tissorvelja kif l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeżerċitaw is-setgħat delegati tagħhom f'dak il-qasam.
27. Meta adottati, kunċetti dedikati ta' operazzjonijiet huma implimentati permezz ta' regoli, li japplikaw għall-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru, il-persunal u l-entitajiet li jagħtu servizz, kif ukoll għat-tagħmir, sistemi u kostitwenti li huma għandhom jużaw. Meta wieħed iqis il-qafas kurrenti ta' l-ICAO, dawn ir-regoli, li primarjament jindirizzaw l-interoperabbiltà mill-perspettiva ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru, huma infurzati fuq l-operaturi tagħhom mill-Istati tar-Reġistru; għalhekk huma għandhom ikunu adottati taħt is-sistema ta' l-EASA. Fir-rigward tal-persunal u l-entitajiet li jagħtu servizz, dawn ir-regoli prinċipalment jindirizzaw l-interoperabbiltà mill-perspettiva ta' l-entitajiet li jagħtu servizz, kif ukoll il-proċeduri relatati u l-obbligi tat-taħriġ. Minħabba li l-kontenut tas-sigurtà tagħhom huwa s-soltu marġinali, x'aktarx huma jiġu adottati skond il-qafas ta' l-SES, sakemm deċiżi b'mod differenti każ b'każ mill-Kummissjoni skond is-setgħat eżekuttivi delegati, meta d-dimensjoni tas-sigurtà tiġġustifika dan. Dawn ir-regoli jistgħu, kif xieraq, jiddefinixxu liema rwoli delegati jingħataw lil dawk li jagħtu servizz għall-implimentazzjoni u l-adattament tattiku tal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet li huma għandhom japplikaw.

Ambitu ta' applikazzjoni u applikabbiltà

Spazju ta' l-Ajru

28. Kif intqal fl-NPA, ir-regolazzjoni ta' l-ATM/ANS permezz tar-Regolament Bażiku teħtieġ li l-ispazju ta' l-ajru li fih japplikaw regoli komuni jkun definit b'mod ċar fl-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu. L-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li, minbarra l-ispazju ta' l-ajru li fih japplikaw ir-regolamenti ta' l-SES, ir-regolazzjoni tas-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru taħt is-sistema ta' l-EASA għandha tkopri wkoll l-ispazju ta' l-ajru sñiħ li fih japplika t-

Trattat¹⁰. Dan jippermetti li jiddaħħlu kemm l-ispazju ta' l-ajru kontrollat kif ukoll dak mhux kontrollat, billi l-għanijiet tas-sigurtà neċessarjament ikopru skop differenti mill-ġestjoni tal-kapaċità. Is-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru fi spazju mhux kontrollat hija pprovduta bir-regoli ta' l-ajru li jinsabu fl-Anness 2 ta' l-ICAO¹¹ li huma simili għal regoli wżati biex jiżguraw is-sigurtà tat-traffiku tat-triq. Dan iġib il-benefiċċju ta' l-armonizzazzjoni ta' dawk ir-regoli ta' l-ajru relatati mas-sigurtà, li fil-preżent ivarjaw minn Stat għal Stat, u għalhekk jikkostitwixxu theddida serja għas-sigurtà minħabba nuqqas ta' interoperabbiltà mill-perspettiva ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru. Kif diġà ntqal fis-CRD, dan bl-ebda mod ma jimplika li l-Aġenzija għandha xi pjanijiet li tkun involuta f'li tiddeċiedi x'inhu spazju ta' l-ajru kontrollat jew le; dawn id-deċiżjonijiet għandhom iseħħu bħala parti mid-definizzjoni tal-kunċetti ta' operazzjonijiet, kif spjegati hawn fuq.

29. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija trid tfakkar li xi servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħall-katina ta' l-għoti ta' informazzjoni ajrunawtika, kif ukoll is-servizzi tal-komunikazzjoni u n-navigazzjoni, huma disponibbli frekwentement fi spazju ta' l-ajru mhux ikkontrollat u jistgħu jkunu kundizzjoni għall-fluss b'sigurtà u ordnat tat-traffiku; huwa leġittimu li dawn is-servizzi jkunu soġġetti wkoll għal obbligi komuni tas-sigurtà.

Utenti ta' l-Ispazju ta' l-Ajru

30. Kif spjegat fis-sezzjoni hawn fuq relatat mal-kunċett ta' l-operazzjonijiet, l-operaturi ta' l-ajru huma mitluba jaderixxu mal-kunċetti ddedikati applikabbli ta' l-operazzjonijiet fl-ispazju ta' l-ajru li huma jużaw f'ħin partikolari. Dan jimplika ekwipaġġ u obbligi ta' taħriġ, kif ukoll obbligi biex jintużaw ċerti servizzi u biex jiġu implimentati proċeduri preskritti. Is-sistema ta' l-EASA diġà tinkludi d-dispożizzjonijiet relatati, konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness 6 ta' l-ICAO. Għalhekk, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li r-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru hija rregolata aħjar taħt dik is-sistema. Dan ma jfissirx tibdil fir-Regolament Bażiku, li l-artikolu tiegħu dwar l-applikabbiltà diġà jkopri operazzjonijiet għal ġo, ġewwa jew barra l-Komunità b'ajruplani rreġistrati fi Stat Membru jew f'pajjiż terz. Barra minn dan, lill-qafas ta' l-SES dan jagħtih il-mezzi ta' infurzar issalvagwardati fir-Regolament Bażiku.

31. F'dak il-kuntest jaf ikun opportun li jtfakkar li r-Regolament Bażiku jeskludi biss mill-iskop tiegħu l-ajruplani involuti f'dawk l-imsejħa "missjonijiet ta' l-istat" (pulizija, dwana, militar u servizzi simili). Dan jimplika, bil-kuntrarju, li ajruplani fil-proprjetà ta' l-Istati huma soġġetti għal regoli komuni li r-Regolament jistabbilixxi meta huma ma jkunux ingaġġati f'dawn il-missjonijiet. Fi kliem ieħor, huma soġġetti għall-istess regoli bħall-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru meta joperaw bħala traffiku ġenerali ta' l-ajru. Bħall-kategoriji l-oħra ta' l-utenti, huma għandhom id-dritt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' regoli li jaffettwawhom u li jeżiġu li dawn ir-regoli huma pproporzjonati mat-tip u n-natura ta' l-attività tagħhom. Trattament speċjali, meta ġġustifikat, għandu jkun indirizzat meta jiġu adottati l-kunċetti ta' operazzjonijiet jew jiġu żviluppati r-regoli. Eżenzjonijiet possibbli għandhom jiġu ttrattati bl-użu tal-proċeduri applikabbli, b'mod partikolari dawk speċifikati mill-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku.

Fornituri tas-servizz

32. Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Aġenzija identifikat li l-għoti ta' ATM/ANS jinvolve riskji sinifikanti, li għandhom bżonn jitnaqqsu kif jixraq. Tabilħaqq huwa diġà aċċettat universalment li min jipprovi ATM/ANS għandu jkun soġġett għal obbligi

¹⁰ Tabilħaqq dan jeskludi l-ispazju ta' l-ajru fuq l-ibħra internazzjonali kontrollati mill-Istati Membri skond id-delegazzjoni ta' l-ICAO.

¹¹ Huwa rikonnoxxut li l-elementi kollha li jinsabu fl-Anness 2 ta' l-ICAO m'humix direttament relatati mas-sigurtà fl-ajru u għalhekk ma jkunux koperti bis-sistema ta' l-EASA.

komuni ta' sigurtà u r-regoli ta' I-SES stabbilixxew l-obbligi relatati taç-çertifikazzjoni. Għalhekk l-NPA kkonkludiet li min jagħti dawn is-servizzi għandu jkun soġġett għal regoli komuni taħt is-sistema ta' l-EASA.

33. Meta wieħed jittratta din il-kwistjoni, jaf ikun xieraq li jiġi çcarat li t-Trattat ma jħallix ddifferenzjar bejn impriżi fuq il-bażi tal-proprjetà tagħhom. Dan jimplika li daww li jagħtu servizz u li jkunu fil-proprjetà ta' l-Istat, inklużi amministrazzjonijiet militari, ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti minn kull organizzazzjoni oħra, privata jew ikorporata, li tagħti l-istess servizzi. Kif spjegat fil-paragrafu 31, xi trattamenti speċjali jew xi eżenzjonijiet għandhom ikunu ttrattati skond il-proċeduri applikabbli.
34. Biex tipprowdi għaċ-çertezza legali, l-Aġenzija ppruvat ukoll tidentifika b'mod aktar preċiż is-servizzi affettwati. Filwaqt li kien çar li min jagħti servizzi ta' traffiku bl-ajru, ta' komunikazzjoni, navigazzjoni, sorveljanza, data meteoroloġika u servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika, li f'xi każijiet huma diġà privati jew korpi kkorporati, għandhom ikunu ttrattati bħala persuni rregolati, dan kien anqas çar għal daww li jagħtu servizzi involuti fl-ġestjoni ta' l-ispazju ta' l-ajru (ASM) u l-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku ta' l-ajru (ATFM). Il-pakkett ta' l-SES, minkejja li jinkludi dawn l-aħħar żewġ funzjonijiet fl-iskop tiegħu, ma jstabbilixxix obbligi komuni (jew essenzjali) għall-ġhoti tagħhom, lanqas ma jimponi xi obbligi għaċ-çertifikazzjoni tagħhom; tabilħaqq ta' min isaqsu jekk dawn il-funzjonijiet humiex ġhoti ta' servizzi jew azzjonijiet regolatorji. Għalhekk l-Aġenzija staqsiet l-opinjoni tal-partijiet interessati qabel ma ħadet pożizzjoni.
35. It-tweġibiet riċevuti jindikaw li dawn il-funzjonijiet iħaddnu kemm l-aspetti regolatorji u l-ġhoti tas-servizzi, permezz tal-preżenza ta' elementi strateġiċi, kemm ta' qabel it-tattika kif ukoll daww tattiċi. L-Aġenzija mbagħad impenjat ruħha biex tanalizza aktar it-tweġibiet li riċeviet u biex twettaq valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-għażliet possibbli fil-valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju (RIA) li għandha takkompanja l-Opinjoni finali tagħha. Il-konklużjonijiet tagħha huma li l-ASM, li tfiggħer l-allokazzjoni temporanja ta' blokki jew rotot ta' l-ispazju ta' l-ajru ddisinjati qabel lil utenti ċivili jew militari speċifiċi, huwa aħjar jekk titqies bħala funzjoni governamentali, b'implikazzjonijiet pożittivi ta' sigurtà u ekonomiċi. Bl-istess mod, billi l-ATFM jista' jimponi ħsarat kummerċjali lil entitajiet individwali (eż. titjiriet ittardjati, titjiriet bir-rotot tagħhom imfassla mill-ġdid jew iż-żieda ta' kapaċità f'ħin partikolari), l-RIA tikkonkludi li jkun aħjar li tqis dan is-servizz bħala funzjoni regolatorja, tal-anqas fir-rigward tal-funzjoni ċentrali tiegħu.
36. Skond dan, l-Aġenzija tikkonkludi li l-elementi strateġiċi jew ċentrali ta' dawn il-funzjonijiet, li f'ħafna aspetti huma viċin tan-natura tal-kunċett ta' l-operat, huma ta' natura regolatorja u għalhekk għandhom ikunu deċiżi minn awtoritajiet kompetenti ddelegati, il-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet reġjonali/awtoritajiet lokali kompetenti, kif jixraq biex titqies is-sussidjarjetà meħtieġa. Konsegwentement, l-obbligi relatati tas-sigurtà għandhom ikunu introdotti fil-kundizzjonijiet għal din id-delegazzjoni. Tikkonkludi wkoll li l-elementi tattiċi ta' l-ASM u ta' l-ATFM jistgħu jiġu ttrattati minn persuni li jagħtu servizz, daqs li kieku dan ma jimplika l-ebda kunflitt ta' interess u l-awtorità kompetenti tiddeċiedi hekk. B'konsegwenza, jinħtieġ li jiġu imposti l-obbligi essenzjali xierqa fuq dawn il-persuni li jagħtu servizz.
37. Fil-qosor, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li kull organizzazzjoni involuta fl-ġhoti ta' servizzi ta' l-ATM/ANS, kif iddefinit fil-qafas ta' l-SES, għandha tkun soġġetta għal regoli komuni tas-sigurtà.

38. Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Aġenzija identifikat li d-disinn, il-manutenzjoni u l-iffunzjonar ta' sistemi u kostitwenti li jikkontribwixxu għall-għoti ta' ATM/ANS jinvolvu riskji sinifikanti, li għandhom jitnaqqsu kif jixraq. Dan huwa rikonoxxut mis-SARPS ta' l-ICAO u r-regolamenti ta' l-SES, li jstabbilixxu obbligi ta' ċertifikazzjoni. Għalhekk, l-Aġenzija tikkonkludi, li dawn is-sistemi u kostitwenti għandhom ikunu soġġetti għal regoli komuni taħt is-sistema ta' l-EASA. Madankollu, biex wieħed jevita li jkun hemm regolazzjoni żejda, il-bżonn tar-regolazzjoni għandu jkun identifikat każ b'każ meta jiġu żviluppanti r-regoli implimentattivi meħtieġa. Meta tittieħed din id-deċiżjoni, il-prinċipju tal-proporzjonalità jkun ittestjat billi titwettaq valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju.

Persunal

39. L-Istati Membri diġà aċċettaw, permezz ta' l-obbligi tagħhom ta' l-ICAO u mbagħad sussegwentement taħt ir-regolamenti ta' l-SES, li l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru¹² għandhom ikunu soġġetti għal obbligi komuni ta' tagħrif teoretiku, abbiltà Prattika, profiċjenza fil-lingwi u stat tajjeb ta' saħħa. Dawn l-obbligi jaraw li jiżguraw li mhux biss il-kontrolluri jkunu rċevew it-taħriġ meħtieġ, li huwa obbligu għall-professjonijiet kollha, imma wkoll li huma għandhom l-istat fiżiku/mediku xieraq u Prattika kurrenti biżżejjed. Il-bżonn li dawn l-obbligi jiġu sodisfatti, liema obbligi jillimitaw il-libertà ta' dawk l-individwi li jeżerċitaw dik il-professjoni u anke jistgħu jisfurzawhom barra mill-impjeg tagħhom meta ma jissodisfawhomx aktar, iwassal għall-Aġenzija biex tikkonkludi li dan il-persunal jappartjeni għal professjoni rregolata u għalhekk għandu jkun soġġett għar-Regolament Bażiku estiż. L-Aġenzija tixtieq ukoll tikkjarifika aktar li hi ma tara l-ebda raġuni biex tinkludi l-persunal responsabbli mill-ġestjoni ta' l-apron ta' l-ajrudrom f'din il-professjoni rregolata, bil-kuntrarju għal dak li kien issuġġerit minn xi partijiet interessati fil-konsultazzjoni ta' l-NPA.

40. Meta żviluppant l-obbligi essenzjali tagħha, l-Aġenzija ċertament identifikat il-bżonn għal kategoriji oħra ta' persunal biex jaderixxu ma' obbligi ta' taħriġ xieraq u kompetenza, imma mhux sal-grad li jwassal biex jirregola l-professjoni tagħhom sa l-istess livell bħal dak tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru. Għalhekk, tikkonkludi, li persunal ieħor, bħall-persunal ta' l-inġinjerija ta' l-ATS, għandu jkun soġġett għal obbligi komuni tas-sigurtà u għalhekk ikun irriferut għar-Regolament Bażiku estiż. Madankollu, il-konformità ma' l-obbligi relatati mal-kompetenza professjonali u l-istat ta' saħħa għandha tkun ir-responsabbiltà normali ta' l-organizzazzjonijiet li jimpjegawh. Il-persunal affettwat huwa dak li l-attività tiegħu jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajru permezz ta' l-involvement tiegħu fl-għoti tas-servizzi ta' l-ATM/ANS, kif ukoll fit-tfassil, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-operat tas-sistemi relatati u l-kostitwenti.

Organizzazzjonijiet

41. Meta żviluppant l-obbligi essenzjali, l-Aġenzija identifikat ir-riskji tas-sigurtà relatati mat-tfassil, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-operat ta' sistemi u kostitwenti tan-Netwerk Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru (EATMN). Minkejja li huwa aċċettat sew li t-tnaqqis ta' dawn ir-riskji għandu jkun fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabbiltà ta' dawk li jagħtu servizz bl-użu ta' dawn is-sistemi jew kostitwenti, dan ma jtaffix ir-responsabbiltà ta' l-organizzazzjonijiet li huma involuti direttament fit-tfassil tagħhom, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-ħidmiet operattivi. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu rreferuti fir-Regolament Bażiku estiż u jistgħu jintalbu juru l-kapaċità tagħhom, kif jixraq, meta

¹² Id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006 dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku ta' l-Ajru (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 114, 27.4.2006, p.22).

hekk deċiż fir-regoli implimentattivi bbażati fuq valutazzjoni kif suppost ta' l-impatt regolatorju.

42. Dan ma jfissirx li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu sistematikament irregolati b'mod dirett sabiex itaffu r-responsabbiltà ta' l-utenti tas-sistemi u kostitwenti. Madankollu, dan jipprovdni l-bażi legali biex jippermetti li dawn jagħmlu hekk meta jixraq. Dan x'aktarx huwa l-każ għal sistemi ta' GNSS u netwerks kumplessi ta' komunikazzjoni bis-satellita jew ta' komunikazzjoni fuq l-art. Dan jista' japplika wkoll għal xi servizzi ta' informazzjoni ajrunawtika ta' valur miżjud, b'mod partikolari *data bases* ta' navigazzjoni elettronika, li għalihom bħalissa m'hemm l-ebda bażi legali li tippermetti r-regolazzjoni tagħhom. Kif spjegat ukoll fl-Opinjoni dwar ir-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi, dan jippermetti li jiġu applikati proċessi li jkunu wrew l-effikaċja tagħhom għal egħxieren ta' snin fil-qasam ta' l-*airworthiness*, simili għas-sistema ta' l-ETSO (Ordni Ewropea għall-Istandards Tekniċi) użata għal partijiet ta' l-ajruplani, b'hekk jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' entitajiet żgħar li jipprovdnu servizz u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-kostitwenti li jistgħu jiġu standardizzati. L-aħħar, imma mhux lanqas, dan jippermetti l-ħolqien ta' proċessi ta' ċertifikazzjoni ssimplifikati għal sistemi ta' l-art/abbord u kostitwenti.

Mezzi Implimentattivi

43. Dan il-kapitlu jittratta l-mezzi li għandhom jintużaw biex jimplementaw l-obbligi essenzjali. Jagħti dettalji ta' kif għandha tintwera l-konformità ma' l-obbligi essenzjali; jiċċara liema regoli implimentattivi għandhom jinħarġu mill-Kummissjoni biex jispeċifikaw x'għandhom jagħmlu l-persuni rregolati biex jikkonformaw; u jidentifika liema korpi għandhom ikunu responsabbli biex jissorveljaw u/jew jiċċertifikaw din il-konformità. Ir-raġunijiet għal dawn il-kjarifiki huma ddettaljati aktar fl-NPA.

Utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru

44. Ir-Regolament Bażiku diġà jstabbilixxi bażi biex jimponi obbligi għall-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru fuq l-operaturi kollha ta' l-ajru, kemm jekk huma ċittadini ta' l-UE jew le. Konsistenti mal-prinċipji ta' l-ICAO, tabilħaqq dawn ir-regoli huma imposti ġeneralment permezz ta' regoli operattivi adottati mill-Istat tar-Reġistru jew mill-Istat ta' l-operatur biex jirriflettu l-kunċetti ta' operazzjonijiet adottati mill-Istati l-oħra Kontraenti għall-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru tagħhom. Ġie deċiż ukoll mil-leġiżlatur li operaturi barranin se jkollhom jaderixxu ma' l-obbligi tal-Komunità meta fl-ispazju ta' l-ajru ta' l-Istati Membri; dan jagħti opportunità biex jiġu imposti fuqhom ir-regoli meħtieġa biex jaderixxu ma' l-obbligi ta' l-ispazju ta' l-ajru.
45. Ir-regoli li jeżiġu lill-operaturi ta' l-ajru biex jimplementaw miżuri xierqa li jnaqqsu r-riskju għall-operazzjonijiet tagħhom jaqgħu taħt is-sistema ta' l-EASA u għalhekk diġà huma koperti bir-Regolament Bażiku. L-elementi addizzjonali jkopru l-implimentazzjoni għall-kunċetti ta' operazzjonijiet u interoperabbiltà minn perspettiva ta' l-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru; huma għandhom ikunu żviluppatti mill-Aġenzija biex jaderixxu mal-kunċetti ta' l-operazzjonijiet, deċiżi skond il-qafas ta' l-SES u inkorporati fir-regoli applikabbli għall-operaturi ta' l-ajru b'deċiżjoni tal-Kummissjoni meħhuda skond il-proċedura tal-komitoloġija. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat meħtieġa bir-Regolament Bażiku estiż.
46. Dawn ir-regoli jippreskrivu l-proċeduri li għandhom jiġu implimentati mill-operaturi ta' l-ajru fl-ispazju ta' l-ajru li huma jużaw, kif ukoll it-tagħmir u s-servizzi li huma għandhom jużaw f'dik il-blokka ta' l-ispazju ta' l-ajru. Dawn ir-regoli jkollhom ikunu proporzjonati mat-tip u l-kumplessità ta' l-operazzjoni u r-riskji relatati. Konsistenti mas-sistema ta' l-EASA, l-adozzjoni tagħhom tkun teħtieġ konsultazzjoni proprja u valutazzjoni ta' l-impatt.

47. Dawn ir-regoli jkollhom jiċċaraw ukoll dawk l-oqsma tas-sussidjarjetà fejn l-Istati Membri jistgħu jkollhom jiżviluppaw regoli addizzjonali biex jindirizzaw pekularitajiet lokali. F'dan il-każ, huma jkunu intitolati joħorġu l-preskrizzjonijiet lokali tagħhom, soġġetti għall-kontroll tal-Komunità li jivverifika l-konsistenza tagħhom mal-kunċett globali ta' l-operazzjonijiet.
48. Skond is-sistema ta' l-EASA, il-verifika tal-konformità mar-regoli t'hawn fuq tintlaħaq permezz ta' proċess ta' ċertifikazzjoni (ħruġ ta' ċertifikat jew konferma) għall-operaturi kummerċjali biss. Dan jista' ma jkunx biżżejjed fir-rigward tal-konformità ma' l-obbligi ta' l-ATM/ANS li għandhom jiġu sodisfatti minn operaturi mhux kummerċjali, bħal per eżempju, il-ġarr tat-tagħmir meħtieġ għar-*Reduced Vertical Separation Minima*, u l-abbiltà ta' l-ekwipaġġ biex jopera f'dan l-ambjent. Għalhekk, obbligi addizzjonali ta' ċertifikazzjoni jkollhom jiġu inklużi fir-Regolament Bażiku estiż.
49. L-awtoritajiet kompetenti biex jimplimentaw ir-regoli operattivi huma l-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni, fir-rigward ta' l-operaturi li joqogħdu¹³ fit-territorju tagħhom, u l-Aġenzija, għall-operaturi barranin. Għal raġunijiet ta' sempliċità u sabiex jiġu evitati konfużjonijiet kif ukoll il-possibiltà ta' *loop-holes*, l-Aġenzija hija tal-fehma li l-istess tqassim tar-rwoli għandu japplika għall-verifika tal-konformità mar-regoli previsti fil-paragrafu ta' qabel.

Dawk li jagħtu servizz

50. F'ħafna modi, is-sitwazzjoni ta' dawk li jagħtu servizzi ta' ATM/ANS hija simili ħafna għal dik tal-linji ta' l-ajru kummerċjali. Biex jagħtu s-servizzi tagħhom dawn għandhom bżonn juru kemm konformità ma' l-obbligi tas-sigurtà kif ukoll jakkwistaw awtorizzazzjoni (nomina jew selezzjoni mill-entità kompetenti li tagħti s-servizz tat-traffiku ta' l-ajru). Filwaqt li l-ewwel obbligu għandu l-għan li jiżgura li dawk li jagħtu servizz għandhom il-mezzi biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tas-sigurtà tagħhom, it-tieni waħda hija aktar dwar ir-regolazzjoni tas-suq. Iż-żewġ proċessi jistgħu jkunu skonnettjati minn xulxin, imma ħadd minnhom ma jista' jipprovi servizzi mingħajr ma jikkonforma maż-żewġ settijiet ta' kundizzjonijiet. Filwaqt li fid-dinja tat-trasport bl-ajru qagħda tajba finanzjarja tidher bħala kundizzjoni għal aċċess tas-suq, sabiex il-konsumaturi jiġu protetti fil-każ ta' inċident jew falliment, jidher li din qed tidher bħala kundizzjoni biex l-obbligi tas-sigurtà fil-qafas ta' l-SES jiġu sodisfatti. Minn dan l-Aġenzija tikkonkludi li r-regoli applikabbli għall-approvazzjoni ta' dawk li jagħtu servizz għandhom jaqgħu taħt is-sistema ta' l-EASA, billi dawn primarjament jimmiraw li jnaqqsu r-riskji tas-sigurtà, filwaqt li l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' rregolata mis-sistema ta' l-SES jew fuq livell nazzjonali, kif jixraq. Ir-regoli relatati għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-komitoloġija. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tingħata s-setgħat meħtieġa mir-Regolament Bażiku estiż.
51. Kif spjegat f'diversi okkażjonijiet, huwa evidenti li dawn ir-regoli ta' l-EASA għandhom ikunu elaborati skond il-bażi ta' l-elementi eżistenti żviluppati s'issa taħt l-SES, u li arranġamenti tranżitorji, inkluż il-*grandfathering* ta' approvazzjonijiet kurrenti, għandhom ikunu stabbiliti biex jorganizzaw tranżizzjoni bla xkiel. Konsistenti mas-sistema ta' l-EASA, l-adozzjoni tagħhom teħtieġ konsultazzjoni proprja u valutazzjoni ta' l-impatt. Meta jidħlu fis-seħħ, dawn ir-regoli għandhom iwasslu għar-revoka tad-dispożizzjonijiet relatati taħt il-qafas ta' l-SES sabiex tiġi evitata regolazzjoni doppja. Għandhom jingħataw is-setgħat meħtieġa lill-Kummissjoni biex għaldaqstant temenda

¹³ F'dan il-kuntest, joqogħdu għandha tinftiehem bħala r-residenza normali għal persuna naturali jew il-post prinċipali ta' negozju għal persuna legali.

r-regolamenti ta' l-SES u r-regoli implimentattivi tagħhom, kif imsemmi hawn fuq fil-paragrafu 20.

52. Skond id-dispożizzjonijiet kurrenti ta' l-SES, il-verifika tal-konformità għandha ssir permezz ta' ċertifikazzjoni. L-Aġenzija taqbel ma' dak il-metodu. Konformi mal-prinċipji ta' l-SES diġà stabbiliti u x-xogħol tagħha nnifisha dwar regolazzjoni aħjar, tikkunsidra wkoll li għandhom ikunu evitati ċertifikazzjonijiet multipli, sabiex min jagħti servizz ikun jista' jipprovi diversi servizzi taħt approvazzjoni waħda u sistema waħda ta' ġestjoni; hija l-intenzjoni tagħha biex testendi wkoll dan il-prinċipju għall-għoti ta' servizzi ta' l-ajrudromi u ta' l-ATM/ANS biex jitnaqqsu l-ispejjeż regolatorji. Madankollu, l-Aġenzija tqis proċess sħiħ ta' ċertifikazzjoni bħala disproporzjonat fil-każ ta' servizzi li huma anqas sensittivi għas-sigurtà, bħall-informazzjoni dwar it-titjiriet (FIS) u l-ġestjoni ta' l-apron ta' l-ajrudrom. Għalhekk hija ta' l-opinjoni li l-FIS u l-ġestjoni ta' l-apron jintalbu biss jiddikkjaraw il-konformità tagħhom ma' l-obbligi applikabbli tas-sigurtà u r-regoli implimentattivi relatati.
53. Konsistenti mal-prinċipji li jsaħħu s-sistema ta' l-EASA, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli milli joħorġu ċ-ċertifikati hawn fuq imsemmija għandhom ikunu l-Awtoritajiet Nazzjonali, fir-rigward ta' l-operaturi li joqogħdu fit-territorju tagħhom, u l-Aġenzija għall-organizzazzjonijiet barranin li jipprovdu servizzi fl-ispazju ta' l-ajru Ewropew.
54. Madankollu, xi ħidmiet ta' ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu aħjar b'mod ċentrali għal raġunijiet ta' uniformità jew ta' effikaċja, b'mod partikolari f'dominji li jeħtieġu ħiliet rari. Dan jista' jkun il-każ għas-servizzi ta' l-ATM/ANS li jkopru diversi Stati Membri, eż. fil-qasam ta' l-informazzjoni ajrunawtika u n-navigazzjoni jew in-netwerk ta' komunikazzjoni; żviluppi ta' l-SESAR x'aktarx iwasslu għall-ħolqien ta' aktar servizzi mifruxin ma' l-Ewropa. Imbagħad li wieħed jeżiġi biex, l-Istat Membru li fih min jagħti servizz ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, ikun l-unika awtorità kompetenti, ikun dubitabbli. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li għandha s-setgħa biex tiċċertifika u tissorvelja entitajiet li jagħtu s-servizzi tagħhom f'aktar minn tliet Stati Membri. Dan jeskludi l-għoti ta' sempliċiment ATS intra-fruntieri, u m'għandux jaffettwa l-blokki funzjonali ta' l-ispazju ta' l-ajru daqs kemm dawn il-blokki ma jfissrux li s-servizzi li jingħataw fihom, jingħataw minn entità waħda.

Sistemi u kostitwenti

55. Kif intqal hawn fuq, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li s-sistemi ta' l-ATM/ANS u kostitwenti, kif iddefiniti fir-Regolamenti ta' l-SES, għandhom ikunu soġġetti għal obbligi komuni ta' sigurtà. Barra minn dan jidher li l-qafas kurrenti ta' l-SES m'għandux iċ-ċarezza fir-rigward ta' l-obbligi li dawn is-sistemi u l-kostitwenti għandhom jissodisfaw; il-qafas ma jispeċifikax b'mod partikolari kontra liema kriterji d-dikjarazzjonijiet (il-verifika ta' sistemi u l-konformità jew ta' l-adattament għall-użu tal-kostitwenti) għandhom jinħarġu. Għalhekk jinħtieġ li regoli oħra implimentattivi jinħarġu taħt is-sistema ta' l-EASA biex jagħtu lid-disinjaturi konċernati, il-manifatturi, l-organizzazzjonijiet tal-manteniment u l-operaturi ċ-ċertezza legali meħtieġa. Dawn ir-regoli jindirizzaw biss l-obbligi tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajru/art. Għalhekk, huma għandhom, ikunu kkumplimentati bl-obbligi xierqa ta' l-operat u l-interoperabbiltà ta' l-art/ajru. L-obbligi ta' l-aħħar joħorġu mill-kunċett ta' l-operazzjonijiet u għandhom jinħarġu bl-organizzazzjonijiet responsabbli rispettivi, sew jekk tkun il-Kummissjoni, l-awtorità nazzjonali kompetenti jew min jagħti s-servizz tat-traffiku ta' l-ajru nnifsu.
56. Fir-rigward tal-verifika tal-konformità ma' l-obbligi essenzjali u r-regoli implimentattivi relatati, l-Aġenzija tirrikonoxxi l-proċessi stabbiliti bir-regolamenti ta' l-SES u ma tippjanax tissuġġerixxi li tibdilhom sempliċiment biex tkun bidlithom. Id-dikjarazzjoni ta' konformità mill-persuna nnifisha, possibbilment imsaħħa b'verifiki minn korpi

nnotifikati, hija proċess stabbilit sew skond il-metodu globali tal-Komunità dwar iċ-ċertifikazzjoni. Madankollu, biex tiġi evitata l-konfużjoni mat-terminu ta' entità kkwalifikata wżat ma' tifsira oħra fis-sistema ta' l-EASA, l-Aġenzija tqis li jinħtieġ li tistabbilixxi dawn il-korpi fir-Regolament Bażiku, inklużi l-privileġġi tagħhom, u biex tispeċifika fl-istess Regolament il-kundizzjonijiet għall-akkreditament tagħhom.

57. Barra minn dan, kif spjegat fil-paragrafu 42, jista' jkun utli fil-futur li jkunu previsti skemi ddedikati ta' ċertifikazzjoni għal xi sistemi u kostitwenti sabiex ikun iffaċilitat l-istabbiliment ta' skemi integrati ta' ċertifikazzjoni għal dawk li jkopru kemm elementi ta' l-art kif ukoll ta' fuq l-ajru. Din il-possibbiltà tista' tintuża wkoll biex tgħin l-iżvilupp ta' sistemi standardizzati u kostitwenti, simili għall-artikoli ta' l-ETSO. Finalment, tista' tkun mod ta' kif tittaffa r-responsabbiltà ta' sistemi u utenti kostitwenti fir-rigward ta' l-elementi kumplessi li għalihom il-ħila tal-verifika hija skarsa. Dan ma jfissirx li din iċ-ċertifikazzjoni separata tneħħi kompletament ir-responsabbiltà ta' l-utent, billi r-responsabbiltà tibqa' fuq l-utenti biex jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet operattivi u biex jipprovdu għall-integrazzjoni tagħhom. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li għandha tiġi stabbilita bażi legali fir-Regolament Bażiku estiż biex tippermetti dawn iċ-ċertifikazzjonijiet fejn jixraq. Id-deċiżjonijiet dwar dan jittieħdu każ b'każ meta jiġu adottati r-regoli implimentattivi, wara konsultazzjoni xierqa u valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju.
58. F'kull każ, minkejja jekk sistemi u kostitwenti jkunux soġġetti għal dikjarazzjoni mill-persuna nnifisha jew skemi ddedikati ta' ċertifikazzjoni jew le, meta jiġu żviluppanti regoli implimentattivi u proċeduri ta' valutazzjonijiet ta' konformità għandha tingħata attenzjoni biex jiġu evitati l-koinċidenzi jew id-duplikazzjoni tal-proċessi regolatorji. Il-koordinazzjoni meħtieġa għandha tkun organizzata mill-Kummissjoni billi din tkun l-aħħar fattur deċiżiv f'dawn l-oqsma.

Persunal

59. Kif intqal diġà fil-paragrafu 39 ta' dan id-dokument, ġie miftiehem bil-liġi li l-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru għandhom ikollhom liċenzja u klassifikazzjonijiet xierqa li jattestaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà. Għal dan il-għan ġiet adottata diġà direttiva. Biex tkun konsistenti mas-sistema ta' l-EASA, din id-direttiva għandha tkun ittrasferita fil-forma ta' regolament tal-Kummissjoni, sabiex tipprovdi għal-livell uniformi komuni ta' sigurtà mitlub mir-Regolament Bażiku, minflok il-livell minimu ta' sigurtà stabbilit permezz tad-direttivi tal-Komunità¹⁴. Dan jirrappreżenta wkoll il-vantaġġ li r-regola riżultanti tista' tiġi aġġustata fuq livell eżekuttiv, fejn jiġu evitati proċessi leġiżlattivi fit-tul. Għalhekk, huwa ċar, li għandhom jingħataw setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta r-regola implimentattiva.
60. Fir-rigward tal-verifika tal-konformità, l-Aġenzija taqbel li l-aħjar għażla hija li tkompli bl-iskema ta' liċenzjar eżistenti. Konsistenti mat-tqassim tar-rwoli stabbiliti fis-sistema ta' l-EASA, l-awtoritajiet kompetenti nnominati fuq livell nazzjonali għandhom jibqgħu responsabbli mill-ħruġ ta' dawn il-liċenzji.
61. Fir-rigward tal-persunal involut fl-għoti ta' servizzi ta' l-ATM/ANS, il-paragrafu 40 jikkonkludi li dawk li jagħtu servizz għandhom jiżguraw li l-persunal assenjat għal funzjonijiet sensitivi tas-sigurtà, bħall-inġinjerija, il-provvista ta' enerġija, il-kontroll ta' sistemi u s-sorveljanza f'ħin reali, l-informazzjoni ajrunawtika, u r-rilaxx għas-servizz tal-manutenzjoni tal-kostitwenti, għandu l-kompetenza meħtieġa u jirċievi taħriġ inizjali professjonali xieraq u rikorrenti. Għalhekk l-obbligi relatati għandhom

¹⁴ Għandu jtfakkar li d-direttivi huma għodda leġiżlattivi wżati biex jipprovdu għat-tqarrib ta' prattiki nazzjonali billi jimponu standards minimi. Meta jadotta r-Regolament Bażiku l-leġiżlatur qies li dan il-metodu ma kienx biżżejjed biex jindirizza l-bżonnijiet tas-suq intern ta' l-avjazzjoni u ddeċieda biex jipprivileġġja standards komuni nfurzati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

ikunu ssalvagwardati fir-regoli li għandhom jiġu adottati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku estiż. Dan jista' jsir bħala parti mir-regoli implimentattivi applikabbli għal dawk li jagħtu servizz jew organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni nnifishom, jekk jintqies xieraq li l-verifika tal-konformità titħalla f'idejn min iħaddem. Dan jista' jsir ukoll permezz ta' regoli ddedikati jekk ikun previst li jiġu stabbiliti skemi speċifiċi ta' ċertifikazzjoni għal xi wħud minn dan il-persunal. Naturalment l-Aġenzija hija konxja tad-dibattitu kurrenti dwar il-liċenzjar f'dan il-qasam; madankollu, hija tikkunsidrah bħala li għandu natura soċjali aktar milli natura ta' sigurtà u tkun disposta biex tħallieh għal-leġiżlatur biex jiddeċiedi.

Organizzazzjonijiet

62. Huwa diġà stabbilit bil-liġi li organizzazzjoni involuta fit-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru għandha tkun iċċertifikata. Il-kundizzjonijiet relatati huma inklużi fid-Direttiva dwar il-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru tal-Komunità. Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-obbligi relatati għandhom jiġu ttrasferiti f'regola implimentattiva ta' l-Aġenzija u li s-setgħat relatati jingħataw lill-Kummissjoni. Fl-iżvilupp ta' dawn ir-regoli, l-Aġenzija tikkunsidra li din iċ-ċertifikazzjoni għandha tagħti privileġġi lil dawn l-organizzazzjonijiet biex jorganizzaw eżamijiet huma stess u biex joħroġu ċertifikazzjonijiet ta' konformità skond liema liċenzji jistgħu jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti, hekk kif inhu bħalissa l-każ għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ fil-manutenzjoni skond is-sistema ta' l-EASA.
63. Kif spjegat fil-paragrafi 41 u 42, jista' jkun xieraq li wieħed jirregola ċerti organizzazzjonijiet involuti fid-disinn, il-manifattura, il-manutenzjoni jew l-operat tas-sistemi ta' l-ATM/ANS u l-kostitwenti. Din id-deċiżjoni għandha ssir skond kif ikun il-każ meta r-regoli implimentattivi relatati jiġu adottati. Għalhekk is-setgħat meħtieġa għandhom jingħataw lill-Kummissjoni.
64. Konsistenti mat-tqassim tar-rwoli stabbiliti fis-sistema ta' l-EASA, l-awtorità kompetenti biex tiċċertifika organizzazzjoni ta' taħriġ għall-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru jew organizzazzjoni involuta fit-tfassil, il-manifattura, il-manutenzjoni jew l-operat tas-sistemi ta' l-ATM/ANS u l-kostitwenti, għandha tkun dik ta' l-Istat Membru fejn dik l-organizzazzjoni jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha, jew l-Aġenzija fil-każ ta' organizzazzjoni barranija.

IV. Sussidjarjetà

65. Ir-Regolament Bażiku adottat fl-2002 ittrasferixxa kompetenzi mill-Istati Membri lill-Komunità fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni ta' l-*airworthiness* u dik ambjentali, bil-għan prinċipali li jinżamm livell uniformi għoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili. L-ewwel estensjoni tiegħu għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, il-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u l-ajruplani ta' pajjiżi terzi, ġiet adottata fl-20 ta' Frar 2008¹⁵. Il-leġiżlatur antiċipa wkoll l-estensjoni progressiva tiegħu għall-oqsma l-oħra kollha relatati mar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili sabiex jipprovi għall-metodu tas-sistema totali għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, li huwa l-uniku mezz bix jiġu evitati lakuni fis-sigurtà u obbligi inkonsistenti u potenzjalment kunfliġġenti.
66. L-idea li livell għoli u uniformi ta' sigurtà fil-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u l-għoti ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru, jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' azzjoni komuni mifruxa tul l-Ewropa kollha, m'hijiex ġdida u l-Istati Ewropej żmien ilu bdew jaħdmu konġuntament ġewwa l-EUROCONTROL, bl-għan li joħolqu regoli komuni f'dan il-qasam. Madankollu, kif ġie rrikonoxxut diġà meta twaqqfet is-sistema ta' l-EASA, l-

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 (Ir-Regolament Bażiku)

ebda metodu volontarju intergovernamentali ma jista' jilħaq l-uniformità ppjanata. B'konsegwenza, l-ewwel pass lejn sistema tassew iċċentralizzata b'setgħat ta' deċiżjoni taħt il-protezzjoni tal-Komunità sar meta ġie adottat il-pakkett ta' l-Ajru Uniku Ewropew. B'dan l-għemil il-leġiżlatur irrikonoxxa li s-suċċess ta' l-għanijiet tiegħu f'dak il-qasam iġġustifika l-azzjoni tal-Komunità.

67. Is-sistema hekk stabbilita tħallat madankollu s-sigurtà ma' aspetti oħra regolatorji u ma tipprovdux għall-metodu tas-sistema totali għar-regolazzjoni tas-sigurtà imressaq 'il quddiem mil-leġiżlatur meta jadotta r-Regolament Bażiku. It-tweġibiet għall-NPA 2007-16 urew tabilħaqq li l-maġġoranza vasta tal-partijiet interessati, filwaqt li jenfasizzaw il-bżonn għall-konsistenza u l-kontinwità mal-proċessi ta' l-SES diġà stabbiliti, kienu konvinti wkoll dwar il-benefiċċji tat-trasferiment tar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS għal taħt is-sistema ta' l-EASA, b'regoli komuni implimentati b'mod uniformi taħt is-superviżjoni ta' korp indipendenti ċċentralizzati. Għalhekk l-azzjoni proposta għandha l-għan li tissimplifika aktar l-azzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam mingħajr ma taffettwa l-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
68. Barra minn hekk, il-proċess li jnaqqas ir-riskju segwit meta ġew żviluppati r-Rekwiżiti Essenzjali jiżgura li l-azzjoni komuni hija proporzjonata ma' l-għanijiet tas-sigurtà u ma testendix lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ biex jiġu akkwistati dawn l-għanijiet. Barra minn dan, is-sistema ta' l-EASA, bil-possibbiltà tagħha biex tgħaqqad flimkien l-imsejħa liġi "iebsa" u "ratba", tipprovi tweġiba tajba għall-bżonnijiet għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fir-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ATM/ANS. Tabilħaqq għandha tingħata attenzjoni li dawn il-prinċipji jiġu rrispettati meta r-regoli implimentattivi relatati jiġu żviluppati.
69. B'konklużjoni jitqies li l-proposta preżenti hija skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

V. Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorju (RIA)

70. Il-valutazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri ssuġġeriti f'din l-Opinjoni saret bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol ma' dak tal-Kummissjoni, li hija obbligata wkoll tipproduċi l-valutazzjoni ta' l-impatt tagħha nnifisha. Ir-RIA mehmuża turi li miżuri proposti jipprovdu għall-aħjar soluzzjoni possibbli meta jkunu possibbli diversi għażliet alternattivi, filwaqt li jitqiesu l-impatti possibbli tagħhom tas-sigurtà, dawk ekonomiċi, ambjentali u soċjali, kif ukoll il-kompatibbiltà tagħhom mal-leġiżlazzjoni internazzjonali ta' l-avjazzjoni u leġiżlazzjoni ta' l-avjazzjoni oħra applikabbli. Ma ġie identifikat l-ebda impatt ambjentali sinifikanti.
71. Il-valutazzjoni ta' l-impatt turi wkoll li r-riżorsi addizzjonali meħtieġa fuq il-livell ta' l-Aġenzija biex twettaq il-ħidmiet relatati huma pjuttost marġinali. Dawn ir-riżorsi jinkludu 21 membru ta' l-istaff operattiv, prinċipalment għat-tfassil ta' regoli u spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni; filwaqt li jitqiesu l-postijiet amministrattivi indiretti meħtieġa biex jgħinu dan il-persunal addizzjonali, in-numru totali ta' persunal li l-Aġenzija għandha bżonn biex twettaq il-ħidmiet tagħha fil-qasam tar-regolazzjoni ta' l-ATM/ANS jista' jiġi stmat għal 25 post għal spiża globali ta' anqas minn EUR 4 miljun kull sena. M'huwixx previst li l-ħidmiet ta' ċertifikazzjoni jkollhom impatt sinifikanti fuq żmien qasir, għalkemm dan jista' jikber bi żviluppi futuri lejn sistemi mifruxa madwar l-Ewropa; madankollu, ir-riżorsi relatati jkunu kkompensati b'tariffi mill-applikanti u ma jikkostitwixxux piż żejjed għall-estimi tal-Komunità.
72. Għalhekk l-Aġenzija tikkunsidra li l-estensjoni ta' l-iskop tar-Regolament Bażiku kif previst fl-Opinjoni preżenti se jkollha impatt globalment pożittiv fuq operaturi u ċittadini fil-Komunità.

VI. Konklużjoni

73. Fil-qosor l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li r-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajru/art tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni ta' l-ajru għandhom ikunu organizzati skond il-protezzjoni tas-sistema ta' l-EASA. Għalhekk:

- Ir-Regolament Bażiku għandu jiġi emendat biex jipprovdi l-bażi legali xieraq;
- L-ispazju ta' l-ajru kopert bir-regolamenti SES, kif ukoll l-ispazju ta' l-ajru mhux ikkontrollat fuq it-territorju ta' l-Istati Membri fejn japplika t-Trattat, għandu jkun soġġett għal-leġislazzjoni tal-Komunità;
- Għandhom jiġu introdotti rekwiżiti essenzjali komuni ddedikati (ERs) li jnaqqsu l-perikli tas-sigurtà kollha relatati ma' l-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru, bħala Anness addizzjonali mar-Regolament Bażiku;
- L-użu ta' kull blokk ta' spazju ta' l-ajru għandu jkun iggvernat b'kunċett ta' operazzjonijiet imfassla biex inaqqsu r-riskji ta' ħbit bejn l-ajruplani, u bejnhom u l-art;
- L-utenti ta' l-ispazju ta' l-ajru għandhom jaderixxu mar-regoli maħruġa biex jimplementaw il-kunċetti ta' l-operazzjonijiet applikabbli fl-ispazju ta' l-ajru li fih huma joperaw u jagħmlu użu mis-servizzi ordnati għall-użu ta' dak l-ispazju ta' l-ajru;
- L-organizzazzjonijiet u l-persunal involuti fl-għoti ta' servizzi ta' l-ATM/ANS għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali applikabbli;
- Il-kontrolluri tat-traffiku ta' l-ajru u l-organizzazzjonijiet involuti fit-taħriġ tagħhom għandhom ikunu soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni;
- Is-sistemi u l-kostitwenti wżati għall-għoti ta' servizzi ta' l-ATM/ANS għandhom jaderixxu ma' obbligi xierqa tas-sigurtà meta l-livell kritiku tagħhom jiġġustifika dan;
- Għandhom jingħataw setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta regoli implimentattivi li jiddefinixxu l-obbligi ddetaljati li magħhom għandhom jaderixxu l-organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-persunal u sistemi u kostitwenti, kif ukoll il-proċessi ta' ċertifikazzjoni applikabbli, meta relevanti;
- Dawn ir-regoli implimentattivi għandhom ikunu pproporzjonati mal-livell tal-komplessità ta' l-attività rregolata jew ta' kemm is-sistema rispettiva u l-kostitwent huma kritiċi; fil-bidu dawn għandhom ikunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet relatati tar-regolamenti ta' l-SES u tar-regoli meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom sabiex ikun hemm tranżizzjoni bla xkiel;
- Is-superviżjoni tal-konformità ta' l-organizzazzjonijiet ma' l-obbligi essenzjali u r-regoli implimentattivi relatati għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, ħlief għas-superviżjoni ta' organizzazzjoni li tinsab f'pajjiżi terzi jew li tipprovdi servizzi fl-ispazju ta' l-ajru ta' aktar minn tliet Stati Membri, liema superviżjoni għandha ssir mill-Aġenzija;
- It-tfassil ta' regoli, l-analiżi tas-sigurtà u l-ispezzjonijiet ta' l-istandardizzazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom isiru mill-Aġenzija;
- Min jipprovdi servizzi ta' ATM/ANS għandu jadotta u jimplementa sistema sħiħa ta' ġestjoni ta' sigurtà u għandha tkun iċċertifikata, ħlief dawk li jipprovdu biss informazzjoni dwar it-titjiriet jew servizzi ta' ġestjoni ta' l-*apron* ta' l-ajrudrom, li għandhom jiddikkjaraw biss il-kapaċità tagħhom;
- Filwaqt li l-verifika tal-konformità ta' sistemi u kostitwenti għandha tkun parti miċ-ċertifikazzjoni ta' min jipprovdi servizzi ta' ATM/ANS, tagħmir kritiku għas-sigurtà jista' jkun soġġett għal skemi ta' ċertifikazzjoni ddedikati, li jinvolvu possibbilment wirja tal-kapaċità tad-disinjatur u l-manifattur tagħhom, meta speċifikat hekk bir-regoli implimentattivi, wara li ssir valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji tas-sigurtà u dawk ekonomiċi li kieku jirriżultaw jekk isir dan.

74. L-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-politika deskritta hawn fuq hija l-aħjar mezz biex tirregola s-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajru/art ta' l-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni ta' l-ajru fit-territorju ta' l-Istati Membri. Hija tirrifletti l-maġġoranza tal-fehmiet imfissra mill-partijiet kollha li wieġbu għall-konsultazzjonijiet organizzati biex jippreparawha. Il-politika proposta torganizza wkoll tqassim ibbilanċjat tas-setgħat, konsistenti ma' l-istrutturi istituzzjonali tal-Komunità, billi tillimita ċ-ċentralizzazzjoni tal-ħidmiet għal dak li jista' jintlaħaq aħjar mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija. Għalhekk l-Aġenzija tirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda l-proċess leġiżlattiv ibbażat fuq l-Opinjoni preżenti u għaldaqstant temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti applikabbli għall-Ajru Uniku Ewropew sabiex tiġi evitata r-regolazzjoni doppja u obbligi kunfliġġenti.

Cologne, 15 ta' April 2008

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv